*Azzjoni għall-ħlas ta' dejn*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2019.**

**Numru 6**

**Rikors Numru 673/11TA**

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**vs**

**Carmelo Penza (ID 9855M) u Rita Penza (ID 144159M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat, preżentat mis-Soċjeta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ippreżentat u maħluf fit-13 ta' Lulju 2011 mill-Prokuratur Legali Catherine Fenech, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

> "Illi in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion tal-14 ta' Diċembru 2004, il-bank attur ta b'titolu ta' self lis-soċjeta' S.A.F.K. Company Limited is-somma ta' tlett mitt elf lira Maltin (Lm300,000) ekwivalenti għal sitt mija u tmienja u disgħin elf, tmien mija u tnax-il ewro u żewġ ċent (€698,812,02) bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm elenkati (Dok HSBC 1);
>
> Illi permezz tal-kuntratt imsemmi l-konvenuti konjugi Penza, flimkien mas-soċjetajiet "Penza Construction Limited" u "Penza Concrete Services

Limited", iggarantew bejniethom u flimkien mad-debitur prinċipali a favur il-bank attur l-obbligi assunti mill-kumpanija S.A.F.K. Company Limited fuq l-imsemmi kuntratt billi daħlu bħala garanti solidali bejniethom u flimkien mas-soċjeta' debitriċi prinċipali S.A.F.K. Company Limited a favur il-bank attur;

Għal dan il-għan il-konvenuti irreġistraw a favur il-bank attur ipoteka ġenerali fuq ġidhom kollu preżenti u futur kif ukoll ipoteka speċjali fuq Villa Scirocco, Triq il-Qaliet, Marsascala;

Illi kif jirriżulta mill-anness prospett ta' Loan Account numru 013-111174-300, l-ammont globali dovut lill-bank attur mill-kumpanija debitriċi prinċipali u l-konvenuti qua garanti solidali jammonta għal tmien mija u sitta u sittin elf, u sitta u sittin Euro u ħamsa u għoxrin cent (€866,066,25) oltre l-imgħax legali mit-28 ta' Ġunju 2011 sad-data tal-effettiv pagament, rappreżentanti in kwantu għal €672,569,32 bilanċ tal-kapital u in kwantu għal €193,496,93 l-imgħax dovut sat-28 ta' Ġunju 2011 (Dok HSBC 2);

Illi nonostante li l-bank attur permezz ta' ittra uffiċjali datata 9 ta' Ġunju 2010 interpella lill-konvenuti sabiex iħallsu s-somma ta' €807,328,53 oltre l-imgħax legali, l-istess konvenuti baqgħu inadempjenti (Dok HSBC 3);

Illi għalhekk il-konvenuti konjuġi Penza jinsabu veru, ċerti u likwidi debituri tal-bank attur fis-somma ta' €866,066,25, oltre l-imgħax legali mit-28 ta' Ġunju 2011;

Illi s-soċjeta' S.A.F.K Company Limited bħala debitur prinċipali ġiet notifikata b'ittra uffiċjali (Dok HSBC 4) tas-26 ta' April 2011 li biha il-kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion tat-18 ta' Jannar 2010 gie reż ezegwibbli ai termini tal-Artikolu numru 256 (2) u 253 (b) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) kontra s-soċjeta' debitriċi prinċipali S.A.F.K. Company Limited, debitament notifikati;

Jgħidu għalhekk l-istess konvenuti għaliex m'għandiex din il-Qorti:-

Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom iħallsu lill-bank attur is-somma fuq imsemmija ta' €866,066,25;

Bl-imgħax legali mit-28 ta' Ġunju 2011 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Ġunju 2010 kontra l-konvenuti u mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' din il-proċedura."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Carmelo u Rita konjuġi Penza preżentata u maħlufa fl-1 ta' Settembru 2011 minn Carmelo Penza li permezz tagħha eċċipew is-segwenti:-

"I. Illi, in linea preliminari, il-garanzija mogħtija mill-esponenti fuq il-kuntratt ta' self oriġinali tal-14 ta' Diċembru 2004 fl-atti ta' Nutar Dottor Carmelo Mangion skadiet u ma fadallhiex effett skond il-liġi, billi għalkemm il-bank attur sejjaħ lis-soċjeta' debitriċi prinċipali S.A.F.K. Company Limited (C 34824) sabiex tersaq għall-ħlas tal-kreditu minnu allegat permezz ta' ittra uffiċjali tad-9 ta' Ġunju 2010 (**DOK: A**) – biex b'hekk jintilef kwalsiasi benefiċċju taż-żmien ġja' mogħti għall-ħlas tal-istess kreditu – l-istess bank attur naqas milli jipproċedi kontra l-imsemmija soċjeta' debitriċi prinċipali, u kontra l-esponenti bħala garanti solidali, fi żmien it-terminu ta' dekadenza ta' xahrejn skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1963 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta);

II. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-meritu, il-bank attur jeħtiġlu jressaq prova ċara u skond il-liġi tar-rendikont tal-faċilita' bankarju in kwistjoni, inkluż tal-pagamenti kollha li saru minnu a favur tad-debitriċi prinċipali S.A.F.K. Company Limited (C 34824), u tal-pagamenti kollha li huwa rċieva akkont tal-kreditu minnu allegat;

III. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, il-bank attur jeħtieġlu jressaq prova suffiċjenti u skond il-liġi illi l-imgħaxijiet minnu mitluba huma konformi mal-liġi, ossija mhuwiex għola minn dak premess, u konsegwentement illi huwa kien debitament awtorizzat illi jżomm imgħaxijiet għola minn 8% kif fil-fatt għamel u kif jirriżulta mill-prospett eżebit bħala Dok HSBC 3 mar-rikors ġuramentat promutorju;

IV. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-meritu, l-ammont mitlub mill-bank attur fir-rikors ġuramentat promutorju huwa eċċessiv;

V. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-meritu, t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi, *inter alia*, mhuwiex minnu illi l-esponenti, bħala garanti solidali tas-soċjeta` debitriċi prinċipali S.A.F.K. Company Limited (C 34824), huma debituri tal-bank attur fis-somma indikata ir-rikors ġuramentat promutorju;

VI. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif jirriżulta mir-rikors ġuramentat promutorju, għalkemm il-bank attur qiegħed jippremetti illi huwa ġja` għandu titolu eżekuttiv fil-konfront tas-soċjeta` debitriċi prinċipali S.A.F.K. Company Limted (C 34824) bis-saħħa ta' l-att ta' Kostituzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion tat-18 ta' Jannar 2010 – li ġie reż eżegwibbli ai termini tal-Artikoli 256(2) u 253(b) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili [Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta] permezz tal-ittra uffiċjali tas-26 ta' April 2011 – l-istess bank attur naqas milli jeżegwixxi tali titolu eżekuttiv fuq il-beni tal-imsemmija soċjeta` debitriċi prinċipali. Għalhekk, pendenti tali eżekuzzjoni, il-proċeduri odjerni huma inutili u intiżi biss sabiex biex jiżdiedu l-ispejjeż inutilment, liema spejjeż m'għandhomx jagħmlu tajjeb għalihom l-esponenti.

VII. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, għalkemm kif jirriżulta mir-rikors ġuramentat promutorju, s-soċjeta\` debitriċi prinċipali S.A.F.K. Company Limited (C 34824), flimkien mas-soċjetajiet garanti solidali Penza Concrete Services Limited (C 8282) u Penza Construction Limited (C 5992) ġja\` kkostitwew ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri tal-bank attur permezz tal-att ta' kostituzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion tat-18 ta' Jannar 2010, il-bank attur naqas milli jirrendi l-att imsemmi bħala titolu eżekuttiv, b'sempliċi ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 256(2) u 253(b) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili [Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta], fil-konfront tas-soċjetajiet garanti solidali Penza Concrete Services Limited (C 8282) u Penza Construction Limited (C 5992), u dan f'ċirkostanzi fejn dawn l-istess soċjetajiet kienu ggarantew l-allegat kreditu tal-bank attur permezz ta' ipoteka ġenerali fuq ġidhom kollu, preżenti u futur, oltre l-ipoteka speċjali fuq tlett (3) *penthouses* u tlett (3) garaxxijiet ġewwa Marsascala, u fuq biċċa art tal-kejl ta' madwar ħmistax-il elf (15,000) metru kwadru ġewwa Ħal Far, fuq il-kuntratt ta' self oriġinali tal-14 ta' Diċembru 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion – liema proprjeta\` immobbli hija ta' valur ferm superjuri mill-allegat kreditu tal-bank attur – b'dan illi l-proċeduri odjerni kjarament m'humiex neċessarji sabiex jiġi sodisfatt il-kreditu mitlub fir-rikors ġuramentat promutorju. Għalhekk, anke għal din ir-raġuni, pendenti tali esekuzzjoni, l-proċeduri odjerni huma inutili u intiżi biss sabiex biex jiżdiedu l-ispejjeż inutilment, liema spejjeż m'għandhomx jagħmlu tajjeb għalihom l-esponenti.

VIII. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi."

Rat l-avviż tat-13 ta' Frar, 2019 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imħallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-saħħa tiegħu l-kawża odjerna ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diġa\` mħollija għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Marzu 2019, fejn il-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Bħala fatti jirrisulta li bis-saħħa ta' kuntratt datat 14 ta' Diċembru 2004 fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion (a' fol 5), il-Konvenuti konjugi Penza personalment u għan-nom tas-Soċjetajiet Penza Construction Limited u Penza Concrete Services Limited, daħlu garanti solidali mas-Soċjetá S.A.F.K. Company Limited fl-ammont ta' LM300,000 u dan bħala garanzija għall-obbligi tal-istess soċjetá naxxenti mill-istess kuntratt.

**2.** Għal dan il-għan, il-Konvenuti qua garanti, kemm personalment u kif ukoll għan-nom tas-soċjetajiet Penza Construction Limited u Penza Concrete Services Limited ikkostitwew favur il-Bank HSBC ipoteka ġenerali fuq il-propjetá tagħhom preżenti u futura kif ukoll ipoteka speċjali fuq is-segwenti proprjetajiet (ara fol 10):

1. Art f'Ħal Far ta' ċirka 15,000 metru kwadru, proprjetá tal-garanti Penza Construction Limited.
2. Penthouse fit-tielet sular, inkluż l-arja sovrastanti li tifforma parti minn korp ta' appartamenti bla numru iżda bl-isem Charity Flats fi Triq il-Magħluq, Marsascala, proprjetá tal-garanti Penza Concrete Services Limited.
3. Żewġ garaxxijiet fuq ġewwa innumerati 16 u 17, basement level, formanti parti mill-imsemmi korp ta' appartamenti bl-isem Charity Flats, proprjetá tal-garanti Penza Concrete Services Limited.

4. Penthouse bla numru formanti parti min korp ta' appartamenti bla numru magħrufa bħala "Sunrise Court", aċċessibbli minn Triq il-Magħluq, Marsascala, propjetá tal-garanti Penza Concrete Services Limited.
5. Penthouse bla numru formanti parti minn korp ta' appartamenti magħrufa bħala Hope Court, fi Triq il-Magħluq, Marsascala, aċċessibli minn entratura komuni bla numru fi Triq il-Magħluq, proprjetá tal-garanti Penza Concrete Services Limited.
6. Garaxx formanti parti minn korp ta' garaxxijiet sottostanti korp ta' appartamenti magħruf bħala Hope Court fi Triq il-Magħluq, Marsascala, proprjetá tal-garanti Penza Concrete Services Limited.
7. Il-villa bla numru u bl-isem Villa Scirocco fi Triq il-Qaliet, Marsascala, proprjetá tal-garanti Konvenuti konjuġi Penza.

**3.** Jirriżulta li s-Soċjetá S.A.F.K., id-debitriċi prinċipali, ma żammitx mal-obbligazzjonijiet li ntrabtet bihom bil-kuntratt ta' self stante morożitá fil-pagamenti. Jidher li Penza Tarmac Limited, waħda mill-garanti solidali tas-soċjetá S.A.F.K. Limited, kienet ippromettiet li tbiegħ xi proprjetá biex jitħallas parti mid-dejn, iżda dan qatt ma sar (ara affidavit Christopher Sladden a' fol 44 para 3, u l-ittri annessi a' fol 46, 47 u 48 kif ukoll l-affidavit tal-Konvenut Carmelo Penza a' fol 80 para 6).

**4.** Permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 18 ta' Jannar 2010 (a' fol 25) is-Soċjetá debitriċi S.A.F.K. Company Limited u s-soċjetajiet garanti Penza Concrete Services Limited u Penza Construction

Limited ilkoll rappreżentati mill-konvenut Carmelo Penza, ikkostitwew ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri favur il-Bank Attur, li aċċetta, għas-somma globali ta' sebgħa mija u sebgħa u tmenin elf erbgħa mija u ħamsin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€787,450.37), rappreżentanti d-dejn dovut mill-imsemmija Soċjetá S.A.F.K Company Ltd debitriċi lill-Bank Attur (ara fol 26).

**5.** Permezz ta' ittra uffiċjali datata 9 ta' Ġunju 2010 (a' fol 21), il-Bank Attur interpella lill-Konvenuti personalment sabiex, bħala garanti solidali ta' S.A.F.K. Company Limited, iħallsu s-somma ta' tmien mija u sebat elef, tlett mija u tmienja u għoxrin Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€807,328.53) flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri. Jidher li l-Konvenuti baqgħu inadempjenti.

**6.** Permezz ta' ittra uffiċjali oħra preżentata fis-26 ta' April 2011 (a' fol 23) kontra s-soċjetá debitriċi S.A.F.K. Company Limited, il-Bank Attur irrenda l-att ta' Kostituzzjoni ta' debitu fil-konfront tal-istess Soċjetá debitriċi eżegwibbli ai termini tal-artikoli 256(2) u 253(b) tal-Kap. 12. Il-Bank Attur iżda, għal raġunijiet indikati fix-xhieda ta' Christopher Sladden, għoġbu ma jeżegwixxix it-titolu eżekuttiv li ottjena permezz ta' din l-ittra uffiċjali (ara xhieda a' fol 63 sa 65).

**7.** Jirriżulta ulterjorment li, għal raġunijiet ukoll indikati fix-xhieda ta' Christopher Sladden a' fol 65, il-Bank Attur ma fittix li jirrendi l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu eżegwibbli kontra ż-żewg Soċjetajiet garanti Penza

Concrete Services Limited u Penza Construction Limited permezz tal-preżentata tal-ittra uffiċjali ai termini tal-imsemmija artikoli 256(2) u 253(b) tal-Kap. 12.

## Punti ta' Liġi

**8.** Din hija azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' kreditu dovut bis-saħħa tal-kuntratt fuq imsemmi datat 14 ta' Diċembru 2004. Permezz ta' dawn il-proċeduri il-Bank Attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-bilanċ kollu tas-self mogħti lis-soċjetá debitriċi S.A.F.K. Company Limited, inkluż l-imgħaxijiet, mingħand il-Konvenuti personalment bħala garanti solidali tas-soċjetá imsemmija.

## Konsiderazzjonijiet

**9.** Il-Konvenuti konjugi Penza laqgħu għal din l-azzjoni billi preliminarjament issollevaw eċċezzjoni bbażata fuq l-artikolu 1963 tal-Kodiċi Ċivili.

**10.** Fil-mertu l-Konvenuti kkontestaw s-somma pretiża fir-rikors ġuramentat fuq ir-raġuni li hija eċċessiva (ara eċċezzjoni 3, 4 u 5). Permezz tal-aħħar żewġ eċċezzjonijiet numri 6 u 7, il-Konvenuti insistew ukoll li, għar-raġunijiet hemm indikati, dawn il-proċeduri huma inutili u intiżi biss sabiex jiżdiedu l-ispejjeż inutilment.

**11.** Din il-Qorti se tibda billi tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari kif ibbażata fuq l-artikolu 1963. Il-Konvenuti jinsistu li l-garanzija mogħtija minnhom fuq il-kuntratt ta' self datat 14 ta' Diċembru 2014 ma fadallhiex effett skont il-liġi "billi għalkemm il-bank attur sejjaħ lis-soċjetá debitriċi prinċipali S.A.F.K. Company Limited (C 34824) sabiex tersaq għall-ħlas tal-kreditu minnu allegat permezz ta' ittra uffiċjali tad-9 ta' Ġunju 2010 … ... l-istess bank attur naqas milli jipproċedi kontra l-imsemmija Soċjetá debitriċi prinċipali, u kontra l-esponenti bħala garanti solidali, fi żmien it-terminu ta' dekadenza ta' xahrejn skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1963 tal-Kodiċi Ċivili".

**12.** Fir-replika tieghu, il-Bank Attur jissottometti li dan l-artikolu ma huwiex applikabbli ladarba l-garanzija mogħtija mill-Konvenuti konjugi Penza ma kienitx limitata għal ċertu żmien jew limitat għal żmien li ġie mogħti lid-debitur prinċipali kif hekk jeżiġi l-artikolu msemmi. Tali sottomissjoni ġiet sopportata b'ġurisprudenza kopjuża li tafferma din l-interpretazzjoni restrittiva tal-artikolu imsemmi.

**13.** Fil-kontro-replika tagħhom il-Konvenuti jissottomettu inter alia, li "l-ġurisprudenza kkwotata mill-Bank Attur dwar dan l-artikolu tal-liġi tmur lura għall-bidu tas-seklu li għadda u għalhekk ma tistax tiġi eskluża l-possibilitá illi l-Qrati tagħna llum jridu jmorru lil hinn mill-interpretazzjoni mogħtija lil dan l-artikolu tal-liġi mill-Qrati f'dawk iż-żminijiet." Huma jinsistu li "ma jirriżultax mill-qari ta' l-Artikolu 1963 tal-Kodiċi Ċivili u anqas

ta' l-artikolu l-oħra kollha relatati mal-materja in kwistjoni illi l-garanti huwa marbut jillimita l-garanzija tiegħu għall-istess żmien li jkun ġie mogħti lid-debitur prinċipali b'mod espress u ma jistax jagħmel dan b'mod taċitu".

**14.** Din il-Qorti ma tistax ma tieħux kont tal-fatt li ormai huwa assodat fil-ġurisprudenza tagħna li "*l-applikazzjoni tal-Artikolu 1963 għandu bħala presuppost dak li l-garanti jkun iddikjara espressament li hu qiegħed jillimita l-garanzija tiegħu għaż-żmien akkordat lid-debitur prinċipali. Dawn it-termini, kemm dak akkordat lid-debitur kif ukoll dak stabbilit mill-garanti, huma differenti u ma jistghux jiġu konfuzi f'xulxin.*" (**Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Anthony u Josephine miżżewġin Ciantar**, Qorti tal-Appell, 24 ta' April 2015).

**15.** Din l-interpretazzjoni taqbel ma' dik mogħtija mill-awturi Taljani għall-artikolu konsimili fil-Kodiċi Ċivili Taljan, li fis-sostanza huwa identiku għall-artikolu 1963 tal-Kodiċi Ċivili Malti:

"*L-awtur taljan **Francesco Ricci (Corso Teorico – Pratico Diritto Civle Vol.IX – par.386)** jikkummenta hekk fuq l-Artikolu 1931 tal-Kodiċi Ċivili (Codice Civile Del Regno D'Italia [1865]) taljan, liema artikolu hu identiku għall-Artikolu 1963 fuq citat:*

*"Essendo I due termini diversi la fissazione del termine per l' adempimento dell' obbligazione non importa che allo stesso termine sia limitata la durata dell'obbligazione assunta del fideiussore, ove il contratto taccia su cio'.....[S]e costui [il garanti] avesse voluto limitare la sua*

*obbligazione allo stesso termine fissato per il pagamento, avrebbe voluto dichiararlo; non avendo fatto, non puo' confondere il termine stipulato con quello che non si e' stipulato, e fare due termini distinti uno solo. Questa dichiarzione deve rizultare dal contratto di fideiussione in modo indubbio .... con la dichiarazione espressa di essere l' obbligazione ristretta a quel suo tempo, e non altro, per modo che, scorso esso, il fideiussore resta liberato"* (**Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Anthony u Josephine miżżewġin Ciantar** ġia ċitata supra).

**16.** Din il-Qorti għalhekk sejra tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari billi jirriżulta inkontestat li fil-kuntratt ta' self datat 14 ta' Diċembru 2004 il-Konvenuti, qua garanti solidali tas-soċjetá debitriċi S.A.F.K. Company Limited, naqsu milli jillimitaw espressament il-garanzija mogħtija minnhom għaż-żmien mogħti lill-istess soċjetá debitriċi hekk kif jeżiġi l-artikolu 1963 tal-Kodiċi Ċivili.

**17.** Din il-Qorti sejra issa tqis l-eċċezzjoni fil-mertu. Il-Konvenuti jissottomettu li l-ammont globali ta' €866,066.25 li l-Bank Attur qed jitlob mill-Konvenuti qua garanti solidali tas-soċjetá S.A.F.K. Company limited huwa eċċessiv. Dan għaliex, dejjem skont il-Konvenuti, is-somma ta' €193,496.93 indikata fil-prospett esebit minn Christopher Sladden (a' fol 40 u anke anness mar-rikors ġuramentat a' fol 20) bħala imgħax dovut sat-28 ta' Ġunju 2011 "hija waħda eċċessiva hekk kif ir-rati ta' imgħax ġew kalkolati b'rati għola mir-rata permessa mill-liġi ta' tmienja fil-mija".

**18.** Fix-xhieda tiegħu a' fol 66, l-impjegat tal-Bank Attur Christopher Sladden spjega li l-imgħax inħadem "abbazi tal-base rate [li kienet inħarġet mill-Bank Ċentrali] over ir-rata li ftiehem il-Bank skont is-Sanction Letter." Fis-sanction letter (a' fol 53) hemm espressament indikat li "The Bank may apply, on Loan arrears at its sole discretion, a maximum debit interest rate of 2.5% per annum above the rate charged on your regular borrowings, or any higher rate allowed by law".

**19.** Fir-replika tiegħu (a' fol 111), il-Bank Attur insista li l-imgħax huwa regolat espressament mill-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Kap. 304), illum imħassar bis-saħħa tal-Att XIII tal-2013. Min naħa tagħhom il-Konvenuti fil-kontro-replika jagħmlu referenza għar-regolament 3(1)(a) tal-L.S.16.06. ( a' fol 117 ).

**20.** Dwar dan il-punt partikulari din il-Qorti tqis opportun li tiċċita in extenso mis-**Sentenza HSBC Bank Malta p.l.c. vs Anthony Aquilina et datata 27 ta' Ottubru 2017** fejn il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ikkunsidrat eċċezzjoni identika għal din bil-mod kif ġej:

*"Illi l-eċċezzjoni ewlenija tal-konvenuti hija li l-Bank attur impona imgħax eċċessiv bi ksur tal-artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula li l-imgħax ma jistax jaqbeż it-8% fis-sena, u għalhekk jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-liġi, ż-żejjed jinqata' mill-kapital a tenur tal-artikolu 1852(3) tal-Kodiċi Ċivili.*

*Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jsemmu kif ir-regola prinċipali għar-rigward tal-imgħaxijiet hija dik sanċita fl-artikolu 1852 tal-Kap. 16...*

*Illi b'eċċezzjoni għall-prinċipji ġenerali stabbiliti bl-imsemmi artikolu, l-artikolu 1855A tal-Kodiċi Ċivili, jipprovdi li:*

*"Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja flimkien mal-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regolamenti li jkunu jordnaw il-kondizzjonijiet li taħthom dawk id-djun u obbligazzjonijiet li jiġu hekk imsemmija f'dawk ir-regolamenti jistgħu jiġu eżentati minn xi dispożizzjoni tat-Titolu IV u t-Titolu XVII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet bħalma huwa jista' jistabbilixxi f'dawk ir-regolamenti, u li jkunu iktar minn hekk jirregolaw il-ħlas ta' mgħax, il-ħdim ta' mgħax kompost f'kull aspett tiegħu u l-ogħla somma ta' mgħax li jista' jiġi mħallas."*

*Il-konvenuti jsostnu li applikabbli għaż-żmien li fih sar is-self mertu tal-kawża kienet l-Interest Rate (Financial Transactions) Order 2005 (Avviż Legali 323 tat-2005) billi l-imgħax allegatament eċċessiv ġie impost mill-Bank konvenut fis-snin 2007 u 2008. Għalhekk l-Interest Rate (Exemption) Regulations (Avviż Legali 142 tat-2009) ma japplikawx għas-self mertu ta' din il-kawża għax dawn ir-regolamenti daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Marzu, 2009.*

*Illi huwa minnu li l-istanzi msemmija fir-regolamenti ċċitati mill-konvenuti ma japplikawx għal self minn bank lokali bħal dak mertu ta' din il-kawża. Il-Bank attur jgħid iżda li fiż-żmien rilevanti kien hemm dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi li jawtorizzawh jimponi rata ta' imgħax ogħla minn tmienja fil-mija fis-sena, u ċjoè l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, li kien ġie mħassar fl-2013 bis-saħħa tal-Att XIII tal-2013, li kien jaqra hekk:*

*"Minkejja kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra, istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jistgħu jistabbilixxu r-rata ta' imgħax li titħallas fuq depoziti miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' imgħax li huma jistgħu jżommu fuq self, avvanzi u kull facilità ta' kreditu oħra kif ukoll il-ħruġ ta' debentures jew debenture stocks jew strumenti oħra li joħolqu jew li jirrikonoxxu debitu".*

*Waqt it-trattazzjoni bil-fomm il-konvenuti rribattew li dan l-artikolu ma jawtorizzax l-impożizzjoni ta' rati ta' imgħax ogħla mill-massimu permess mill-artikolu 1582 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu għandu jiġi rilevat illi l-leġiżlatur neħħa kull dubju li seta' jqum fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu tal-liġi, billi pprovda espressament li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu kienu japplikaw minkejja kull projbizzjoni li seta' jkun hemm fi kwalunkwe liġi oħra, inkluż allura l-artikolu 1582 tal-Kap. 16. Tqis illi l-liġi hija ċara u m'għandha bżonn tal-ebda interpretazzjoni.*

*Wara kollox huwa evidenti l-iskop tal-leġiżlatur x'kien, li permezz tal-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta jeħles il-kummerċ bankarju mill-irbit restrittiv tal-Kodiċi Ċivili u dan fl-interess tal-ekonomija tal-pajjiż billi jpoġġi lill-istituzzjonijiet finanzjarji Maltin fl-istess pożizzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji barranin f'dinja globalizzata.*

*Din il-Qorti kif diversament preseduta fi żmien meta kien fis-seħħ l-imsemmi artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, kienet ikkonfermat f'iktar minn okkażjoni waħda li:*

*"Inoltre, l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta jippermetti biss imgħax ogħla mit-8%, iżda ma jippermettix kalkolu ta' imgħax differenti minn dak kontemplat fil-Kodiċi Ċivili".(* ***Bank of Valletta p.l.c. vs. Charles Muscat*** *P.A. (TM) 06.05.2004.)*

*"Rigward l-ewwel kontestazzjoni tal-intimat li l-imgħax impost ta' 8.5% hu kontra l-liġi, jirriżulta invece li skont l-artikolu 1852(4) tal-Kap. 16 b'riferenza għall-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Kap. 204) il-bank seta' jiċċargja imgħax ogħla mir-rata ta' 8%."(****APS Bank Limited vs. Joseph Agius P.A. (GV) 30.01.2008.)*****"**

**21.** Fid-dawl ta' dak ritenut fis-sentenza appena ċitata, din il-Qorti sejra għalhekk tiċħad ukoll din l-eċċezzjoni tal-Konvenuti billi ma kien hemm xejn illegali min-naħa tas-Soċjetá Attriċi meta għolliet ir-rata tal-imgħax għal iktar minn 8%.

**22.** Din il-Qorti sejra issa tikkunsidra s-sitt u s-sebgħa eċċezzjonijiet sollevati mill-Konvenuti fuq l-inutilitá ta' dawn il-proċeduri. Dawn l-eċċezzjonijiet huma msejsa fuq ir-raġuni li l-Bank attur seta, minflok idur kontra l-Konvenuti personalment permezz ta' dawn il-proċeduri, jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv fuq il-beni tas-soċjetá debitriċi S.A.F.K. Company Limited reż eżegwibbli bl-ittra uffiċjali tas-26 ta' April 2011. Alternattivament seta' wkoll idur fuq il-proprjetá tas-soċjetajiet garanti Penza Concrete Services Limited u Penza Construction Limited billi jirrendi l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-18 ta' Jannar 2010 eżekuttiv fil-konfront tagħhom bil-preżentata ta' ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 256(2) u 253(b) tal-Kap. 12.

**23.** B'dawn l-eċċezzjonijiet il-Qorti tifhem li l-Konvenuti donnhom iridu jivventilaw il-benefiċċju ta' l-eskussjoni propunjat fl-artikolu 1934 tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 1935 (b) tal-Kodiċi Ċivili iżda jipprekludi l-Konvenuti, qua garanti solidali ta' S.S.F.K. Company Limited, milli jinvokaw għalihom dan id-dritt. Dan l-artikolu jistipula li l-benefiċċju tal-eskussjoni ma jgħoddx meta l-garanti jkunu obbligaw ruħhom in solidum mad-debitur hekk kif għamlu l-Konvenuti f'dan il-każ. Dan ifisser li, kif jistipula espressament l-artikolu 1096 tal-Kap. 16, hu mħolli fid-diskrezzjoni assoluta tal-bank Attur, qua kreditur ta' S.A.F.K. Company Limited, li jipproċedi kontra kull wieħed mill-garanti solidali, inkluż għalhekk il-Konvenuti personalment. Dan għaliex, fit-termini tal-artikolu 1935(b) tal-Kap. 16, il-garanti solidali

huma fl-istess pożizzjoni tad-debitur u għalhekk m'għandhomx dritt iressqu l-eċċezzjoni tal-benefiċċju ta' l-eskussjoni (ara **Bank of Valletta p.l.c vs Wilclaud Company Limited et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 3 ta' Ottubru 2003**). Dan ifisser li ai termini tal-artikoli appena ċitati, l-Bank għandu d-dritt jiddeċiedi li jdur fuq il-proprjetá personali tal-Konvenuti, hi x'inhi r-raġuni wara din id-deċiżjoni mingħajr ħtieġa li jagħti raġuni.

**24.** Ladarba fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-18 ta' Jannar 2010 il-Konvenuti ma kkostitwewx ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri favur il-Bank Attur f'isimhom personali, il-Bank Attur kellu neċessarjament jistitwixxi dawn il-proċeduri sabiex jottjeni titolu eżekuttiv fil-konfront tal-istess Konvenuti bis-saħħa tal-kuntratt tal-14 ta' Diċembru 2004. Għalhekk dawn il-proċeduri bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu 'inutili u intiżi biss sabiex jiżdiedu l-ispejjeż inutilment' kif qed jikkontendu l-Konvenuti.

**25.** Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad ukoll il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet sollevati mill-Konvenuti.

## <u>Decide</u>

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:-

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-Konvenuti u konsegwentement **tilqa' t-talba attriċi** u tikkundanna lill-Konvenuti in solidum bejniethom iħallsu lill-Bank Attur is-somma ta' tmien mija u sitta u sittin elf, u sitta u sittin Ewro u

ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€866,066.25), bl-imgħax legali mit-28 ta' Ġunju 2011 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Ġunju 2010 u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, jitħallsu mill-Konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**